ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
12 NOV 2020
ST FRANCIS RAVELIN
FLORIANA

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

| | |
|---|---|
| Nru. tal-applikazzjoni: | PA 987/17 |
| Tip t'Applikazzjoni: | Permess ta' Żvilupp Komplet |
| Appell: | Minn approvazzjoni tal-iżvilupp propost |
| Applikant: | Dr Francis Fabri |
| Lokazzjoni: | Promenade & Quay, Triq Is- Salini, Marsascala, Malta |
| Proposta: | Construction of a Waterpolo Pitch and Club House |

**Rikors ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-permess ta'**

Moviment Graffiti VO 0126
Dr Alfred Quintano K.I 59452M
Malcolm Schembri K.I. 517575M

Paul Brincat K.I. 134749M

Charles Barbara K.I. 484054M

Ronald Galea K.I. 622558M

Patricia Debono K.I. 234403L

John B Camilleri K.I. 404664 (M)

Noeleen Buttigieg K.I. 3497M

Raphael Soler K.I. 0285591M

Daniel Desira K.I. 243093M

Marianne Theuma K.I. 216150M

Caroline Caruana K.I. 80478M

**Rikors ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-permess pprezentat kontestwalment mal-Appell tal-appellanti fuq indikati**

**Jesponu bir-rispett:**

Illi dan rikors ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-permess pprezentat kontestwalment mar-Rikors tal-Appell mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għal permess ta' żvilupp bir-referenza fuq imsemmija.

Din l-applikazzjoni tirriferi ghal pixxina tal-ilma helu u deck area estensiva fil-bajja ta Marsascala.

Illi jekk ma jigix sospiz il-permess, l-applikant jista jibda x-xoghlijiet ta skavar, dredging u kostruzzjoni li ha jirrovinaw il-bajja ta Marsascala u l-ambjent marittimu.

Illi l-bajja ta Marsascala naturalment tinsab oltre l-konfini tal-izvilupp u hi lprassi tat-Tribunal li jissospendi l-esekuzzjoni tal-permess meta si tratta ta' zvilupp hekk sensittiv f'ODZ.

Illi jekk ma jigix sospiz il-permess, l-appellanti jkunu rezi f'sitwazzjoni anomala u ta disparita fejn l-izvilupp u l-operazzjoni tal-pixxina jibdew minnufih u l-appell isir purament ezercizzju akkademiku.

Illi jekk ma jkunx sospiz il-permess, id-decizjoni tal-Bord f'dan il-kaz ha sservi bhala precedent u/jew commitment ghal-applikazzjonijiet ohra u b'hekk iktar tigi pregudikata l-uzu, d-dehra u d-destinazzjoni tal-bajja.

Illi jekk l-eżekuzzjoni tal-permess ma tiġix sospiża, il-preġudizzju kkawżat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-preġudizzju kkawżat jekk tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-permess. Illi dana ghax l-applikant mhu ha jbati l-ebda pregudizzju jekk it-talba ghas-sospensjoni tintlaqa peress li jkun ha jibbenefika mill-abbrevjar tat-termini sabiex matulu jigi deciz dan l-appell. Minn naha l-ohra l-appellanti ha jbatu pregudizzju konsiderevoli jekk il-permess ma jigix sospiz u dan ghax l-applikant jibda l-iskavar u l-kostruzzjoni effettivament jrendi certu stat ta permanenza ghal operat tieghu u jeffetwa tnaqqis ta tgawdija tal-bajja ghal-pubbliku.

Illi l-appellanti diga soffrew pregudizzju u ksur tad-dritt ta smigh xieraq minhabba n-nuqqas ta aderenza tal-proceduri legali da parti tal-Bord u dan il-pregudizzju u diskriminazzjoni m'ghandux jigi mkattar matul l-andament ta dan l-appell.

**Talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tad-decizjoni**

Ghaldaqstant permezz tal-prezenti l-appellanti umilment jitolbu ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tad-decizjoni tal-ghotja ta permess suggett ta dan l-appell sakemm tinghata decizjoni minn dan l-Onorabbli Tribunal taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu li huma xierqa.

Av Claire Bonello
215/4 Old Bakery Street
Valletta VLT 1451
drcbonello@gmail.com